MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 695/1997/1

**Dr Thomas Abela bhala rapprezentant gudizzjarju tad-ditta "Corefloor Ltd"**

**vs**

**Francis Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur nomine fis-7 ta' April 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mija u disa' u tletin liri maltin (Lm639) minnu dovuti bhala bilanc tal-prezz ta' appalt ta' bejgh u tqeghid ta' planki tas-soqfa, minnu lilu mibjugha u kkonsenjati, kif originarjament pattwit.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-2 ta' Marzu, 1995 u dik ufficjali tal-5 ta' Gunju, 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi, fl-ewwel lok, is-socjeta' attrici qed tallega fl-avviz odjern l-esistenza ta' appalt kif ukoll ta' bejgh kontestwalment, u ghalhekk l-azzjoni kif intavolata m'hijiex sostenibbli skond il-Ligi.

2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici kkonsenjat lill-eccipjent planki tas-soqfa li arrekaw id-danni fil-bini fejn gew imqieghda.

3. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Jannar 1998 fejn innominat lil AIC Rene' Buttigieg bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tat-tekniku fuq imsemmi pprezentat fil-25 ta' Awissu 2003 u mahluf fit-13 ta' Ottubru, 2003.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi li s-socjeta' attrici pprovdiet lill-konvenuti planki sabiex jintuzaw ghas-soqfa ta' xi fondi. L-ezercizzju tas-socjeta' attrici kien limitat biss ghal fornitura tal-planki, waqt li l-konvenut kellu jiehu hsieb itellahhom u jaqtaghhom skond id-daqs  tas-saqaf.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed ighid illi l-azzjoni attrici mhijiex sostenibbli l-ghaliex fl-avviz qed isemmi appalt u bejgh kontestwalment. Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk il-konvenut ghandu ragun, izda ma jwassalx ghall-estremi li huwa qed jitlob f'din l-eccezzjoni. Veru  illi jew appalt jew bejgh u evidentement hemm zball fid-dicitura ta' l-avviz, liema zball jista' facilment jigi koregut mill-istess Qorti peress illi ma jbiddilx in-natura u s-sustanza tal-kawza, kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut li

fil-meritu jibqghu dejjem ikkontestati u mehuda in konsiderazzjoni mill-Perit Tekniku kif fil-fatt ghamel.

Il-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu kkonstata kif il-planki twaslu mis-socjeta' attrici ghand il-konvenut u dan minnaha tieghu tella' l-planki fis-saqaf u qattaghhom skond id-daqs illi kellu bzonn. Il-konvenut kien qieghed jallega illi l-planki kkagunawlu danni fl-istruttura tal-fond peress illi wara li tqieghdu hargu xi konsenturi.

Il-Perit Tekniku kien ta' l-opinjoni illi dawk il-konsenturi kienu affarijiet zghar u ma kienx minnu illi l-planki arrekaw xi danni lill-istruttura, pero' dehrlu illi x-xoghol li ghamel il-konvenut ghat-tlugh u qtugh tal-planki kellu jiswa aktar mill-ammont li gie koncess mis-socjeta' attrici. Fil-fatt it-tekniku wasal ghal konkluzjoni illi l-valur tax-xoghol imwettaq mill-konvenut kien ta' mija u ghoxrin lira u ghoxrin centezmi (Lm120.20) u rrakkomanda li din l-ahhar cifra kellha titnaqqas mill-ammont reklamat mis-socjeta' attrici. Mill-bqija l-perit tekniku qabel mat-tezi tas-socjeta' attrici illi l-ammont dovut kellu jithallas mill-konvenut. Il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet migjuba mill-Perit Tekniku minnha nnominat, kif ukoll mill-argumenti migjuba. Peress illi dina hija xi haga teknika, mhux il-kaz li l-Qorti taghmel xi valutazzjoni dwar din il-parti tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku u ghalhekk taddotta l-istess relazzjoni fejn tasal ghal konkluzzjoni illi l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' hames mija u dsatax-il lira u sitta u hamsin centezmu (Lm519.56) u mhux kif indikat fl-avviz. Din id-differenza hija fl-opinjoni tal-Qorti zghira u m'ghandhiex taffettwa l-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine. Tikkundanna lill-konvenut illi jhallsu l-ammont ta' hames mija u dsatax-il lira u sitta u hamsin centezmu (Lm519.56) dovut mill-konvenut bhala bilanc ta' bejgh u planki tas-soqfa mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------